MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' April, 2005

Appell Civili Numru. 2206/2003/1

**Casapinta Design Group Ltd**

**vs**

**Dr. Tonio Azzopardi nominat b' digriet tal-21 ta' Novembru 2003 bhala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-imsiefer Giovanni Scattoreggia ghan-nom tas-socjeta` estera UNIBIT Consortium**

**Il-Qorti,**

Fis-16 ta' Frar, 2004, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta' Lm1228.20 (elf mitejn u tmienja u ghoxrin lira Maltin u ghoxrin centezmu) dovut

ghal provizjoni ta’ ‘exhibition panels’ dovuti skond fattura enumerata 7131.

Bl-ispejjez u interessi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta’ l-attur lil konvenut biex iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fis-7 ta’ Jannar 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gewypprezentati fit-2 ta’ Frar 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.”

Il-konvenut fil-kwalita` tieghu ta’ kuratur ta’ l-assenti appella minn din is-sentenza u talab ir-revoka taghha. Huwa jillanja minnha bl-aggravji f’ dawn it-termini:-

(1) Kif formulata, it-talba ghall-hatra ta’ kuratur hi irrita u nulla in kwantu kellu jinhatar biex jirrapprezenta lis-socjeta` estera u mhux lir-rapprezentant nominat ghall-istess socjeta`;

(2) Il-procedura tal-kapitolu hi irrita u nulla u ma kellhiex tigi accettata mit-Tribunal peress li l-kuratur ma jistax jaghti twegibiet;

(3) Il-mod kif tmexxew il-proceduri in konnessjoni mal-Kapitolu ghas-subizzjoni tieghu *qua* kuratur kien skorrett u ingust. Dan ghar-raguni illi meta hu dahal fl-Awla sab li l-kawza kienet diga` deciza mit-Tribunal. B’ hekk hu gie mcahhad mill-opportunita` li jitlob li jiggustifika l-kontumacja;

(4) F' kull kaz, *qua* kuratur ma seta' qatt jigi kkundannat ihallas l-ispejjez gudizzjarji billi dawn kellhom se mai jkunu a karigu ta' l-attur li ghamel it-talba ghall-hatra ta' kuraturi;

Innegabilment, l-aggravju principali li jimmerita konsiderazzjoni aktar approfondita huwa dak proprju fejn l-appellanti *nomine* jinvoka l-irritwalita` u nullita` tal-procedura tal-kapitoli fil-konfront tieghu, u jekk din kellhiex tkun accettata u approvata mit-Tribunal. Din il-Qorti ser tghaddi biex tezamina u tittratta dan l-aggravju l-ewwel, anke minhabba l-portata tieghu fuq l-aggravji l-ohra sottomessi;

Jinsab dipost fl-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995 illi "jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista' jiddeciedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista' ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d-disposizzjonijiet tas-Sub-Titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwarda l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati nferjuri ghandhom jghoddu *mutatis mutandis*";

Il-precitat Sub-Titolu VI jitratta fl-Artikoli 693 sa 727 fuq il-prova bl-ammissjoni jew bis-subizzjoni tal-parti kuntrarja u jipprovdi ghal mod kif ghandhom isiru l-kapitoli u l-effetti ta' tali procedura. Il-materja tista' tigi llustrata ahjar b' referenza ghall-gurisprudenza attendibbli fir-rigward;

(1) Gie deciz illi "*la parte, che chiamata regolarmente per subire, senza giusta causa, non comparisce per la subizione, non puo` negare i fatti dedotti ne capitoli, i quali per legge hanno per confessati, ne puo` con una tardiva comparizione indirettamente distruggere gli effetti della sua ammissione, o paralizzare il diritto acquistato dall' attore …*" - "**Tanti *nomine* -vs- Gauci ed Huber**", Qorti tal-Kummerc, 19 ta' Marzu 1898 (**Vol. XVI P III p 70**);

(2) Jinghad f' bosta sentenzi li "il-kawza gusta biex il-parti ma tidherx quddiem il-Qorti ghalkemm ikunu saru l-kapitoli kontra taghha, ghandha tikkonsisti f' impediment legittimu li minhabba fih il-parti ma setghetx tidher biex tirrispondi ghall-kapitoli li saru kontra taghha" - "**Espedito Zammit -vs- Carmelo Saliba**", Appell Inferjuri, 22 ta' Jannar 1945 (**Vol. XXXII P I p 693**); "**Giovanni Farrugia *nomine* -vs- Carmelo Grech *nomine et***", Appell Inferjuri, 23 ta' Gunju 1926 (**Vol. XXVI P I p 286**) u "**Anthony Borg -vs- Samuel Veneziani**", Appell Inferjuri, 24 ta' April 1998 (**Vol. LXXXII P II p 59**);

(3) Hu accettat illi "*non è vietato dalle Leggi di Organizzazione e Procedura Civile l' appello dalle sentenze pronunciate in prima istanza e fondate su di una confessione presunta, risultante dalla contumacia di una delle parti chiamata legalmente per subire su i capitoli presentati dall' altra parte ed ammessi dalla Corte di prim' istanza; ne è vietato alla Corte di Seconda Istanza di potere, per giusta cuasa, restituire in intero l' appellante e presunto confitente, e quindi ammetterlo a prestare la sua subizione sui capitoli presentati in prim' istanza*" "**Conte. Giuseppe Vella & Co. -vs- Conte. Antonio Pensa**", Appell Kummercjali, 10 ta' Jannar 1868 (**Kollez. Vol. IV p 138**); "**Margaret Camilleri -vs- Publio Stellini *nomine***", Appell Inferjuri, 6 ta' Frar 1957;

Dan premess bhala principji ta' ndoli generali, il-kaz *de quo* jiprospeta sitwazzjoni fejn il-kapitolu ghas-subizzjoni (fol. 12) sar *di fronte* ghal konvenut, kuratur ta' l-assenti Giovanni Scattareggia f' isem u in rapprezentanza tas-socjeta` estera UNIBIT Consortium. Tali proposizzjoni tal-ghodda procedurali konsentita lis-socjeta` attrici in virtu tad-disposizzjonijiet surreferiti tal-Kapitolu 12 iggib maghha konsiderazzjonijiet ohra, ukoll ta' indoli procedurali u guridici, li jikkompeti lil din il-Qorti li tezamina u tiddeciedi dwarhom, anke bl-assistenza ta' gurisprudenza stabbiliti;

Fid-disposizzjonijiet taht it-Titolu XI ("Fuq il-Kuraturi") tal-Kapitolu 12 insibu mfassla l-procedura ghall-hatra ta' kuraturi "fl-interess ta' nies assenti" [Artikolu 929 (a)] jew "fl-interess ta' kull socjeta` kummercjali jew organizzazzjoni jew ghaqda jekk ir-rapprezentanti taghha jkun assenti minn Malta jew jekk ebda persuna jew persuni kif imsemmija jew bizzejjed persuni ma jkunu moghtija dik ir-rapprezentanza" [Artikolu 929(d)]. F' kaz bhal dan jista' jissucciedi li wara l-bandi tidher persuna li toffri ruhha li taccetta l-hatra ta' kuratur (Artikolu 933) jew jekk l-ebda persuna bhal dan ma jidher, zmien sitt ijiem, il-qorti tghaddi biex tahtar, fil-kaz ta' qorti ta' kompetenza nferjuri, avukat jew prokuratur legali, ukoll jekk mhux mill-elenku msemmi fl-Artikolu 91 (Artikolu 941);

Minn dan jitnissel illi l-persuna "*che si presenta ad assumere la curazia funge la parte di gestore d' affari dell' interessato che esso si avanza a representare*" (**Kollez. Vol. XXVII P I p 1004**) u allura jakkwista d-drittijiet ta' "*negotiorum gestor*" (Artikolu 1018) b' mod li jigi ndennizzat minn min ressaq it-talba ghal kurazija fil-kaz biss li fil-gudizzju min ghamel l-istanza ghan-nomina ta' kuratur ikun sokkombenti. Invece, fil-kaz li jigi nkarigat kuratur *ex officio* dan, in kwantu ufficcjal tal-Qorti, jigi dejjem indennizzat minn min talab il-hatra tieghu. Din il-konsiderazzjoni sservi bi twegiba ghal certa sottomissjoni ohra maghmula mill-appellanti fir-rigward ta' l-ispejjez tal-kawza;

Jinsab dedott ukoll illi "*l' ufficio del curatore alla lite è simile a quello del procuratore ed i suoi poteri sono limitati dai termini del mandato*". Dan fis-sens illi "*l' ufficio del curatore alla lite cessa colla sentenza definitiva, ne puo egli comparire in altre lite, sebbene interessanti le stesse persone … Ne puo dopo pronunziata e passata in giudicato la sentenza fare convenzione o transazioni sull' oggetto gia in lite*" (**Kollez. Vol. VII p 208**). Ir-rapprezentanza tieghu tibqa' biss ghall-finijiet u in konessjoni mal-procediment ezekuttiv tas-sentenza

(**Kollez. Vol. XXXIX P II p 595; "Avv. Doctor Anton Farrugia *et* -vs- Eucharist Zammit"**, Appell Kummercjali, 30 ta' Mejju 1988);

Issa dak li l-aktar jinteressa din il-kawza huwa l-aspett jekk jistax isir kapitolu *di fronte* ghall-kuratur *ex officio*, li kif inghad hu ufficjal tal-Qorti (ara wkoll **Kollez. Vol. XXV P III p 772**);

Jibda biex jigi notat illi fil-kapitolu l-konvenut hu msejjah biex bil-gurament tieghu jigi provat li huwa debitur lejn l-attur fis-somma u ghar-ragunijiet indikati fl-avviz. Din hi l-formola adottata mis-socjeta` attrici fil-kaz in ispecje (fol. 12). Fil-kazijiet ordinarji l-konsegwenza tal-kapitolu u tan-nuqqas ta' dehra jgibu l-konfessjoni tat-talba;

Fil-fehma ta' din il-Qorti, ghal kuntrarju, mhux possibbli li l-kuratur ta' l-ufficcju jwiegeb ghad-domanda jew jigi prestat lilu l-gurament;

Il-Qorti tislet riflessjoni fuq dan il-punt mill-kazijiet fejn kuratur bhal dan jeccepixxi l-preskrizzjoni. Jinsab pacifikament assodat, almenu sa mis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, sede Civile, tas-17 ta' Gunju 1881 fil-kawza fl-ismijiet "**Dr. Francesco Sammut *nomine* -vs- Dr. Giuseppe Rocco Peralta *nomine et***", (**Vol. IX p 459**), illi lil kuratur ma jistax jigi defirit il-gurament anke jekk jeccepixxi l-preskrizzjoni. Dan ghall-motiv illi "*se questo è un curatore d' ufficio è ignaro dei fatti, non puo ne affermare ne negare*" ("**Fto. Calleja *et* -vs- Ant. Mangion *nomine***", Appell Civili, 22 ta' Frar 1892 a **Vol. XIII p 112**). Kif ulterjorment enuncjat, "*il provvedimento voluto dall' attore di deferire il giuramento ai curatori da prestarsi in nome e dietro istruzione del debitore non sarebbe conducente al fine voluto dalla legge che è quello di rimettersi alla coscienza del debitore vincolata dal giuramento; di fatti il debitore non sarebbe in tal caso astratto da alcun vincolo di coscienza e i curatori di un fatto non proprio non potrebbero giurare che sulla fede altrui per cui lo scopo della legge sarebbe frustrato*" - "

**Carlo Farrugia Satariano -vs- Dr. Gius. Frendo Azzopardi** ***et***", Qorti Civili, Prim' Awla, 8 ta' Jannar 1920 (**Vol. XXIV P II p 97**);

Minn dan huwa lecitu li jigi dedott illi in linea ta' massima, l-approvazzjoni tal-kapitoli mit-Tribunal mhijiex ta' ostakolu li jigi valutat l-effett veru tas-subizzjoni, sija mit-Tribunal u aktar u aktar minn din il-Qorti (ara **Kollez. Vol. XLIV P I p 470**). Gjaladarba l-kuratur *ex officio* "gie msejjah iwiegeb skond il-kapitoli" (Artikolu 703, Kapitolu 12) u gjaladarba dan kien jinnecessita li jigi prestat il-gurament fuq il-kontenut tal-kapitolu, ghar-ragunijiet fuq imfissra, it-Tribunal ma kienx obbligat li japprova l-kapitolu li sar. Konsegwentement, dejjem fil-fehma tal-Qorti, il-fatt li l-kapitolu sar *di fronte* ghall-kuratur ta' l-ufficcju dan jixhed dubju serju fuq il-portata tal-konfessjoni tal-materja kapitolata. Huwa l-kaz ghalhekk li s-sentenza, in kwantu bazata fuq il-kapitolu, tigi annullata u din l-istess Qorti tghaddi 'l quddiem biex kif jinsab dispost fis-subinciz (4) ta' l-Artikolu 8 tal-Kapitolu 380 hi stess taqta' t-talba skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 7.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti tilqa' l-appell u b' hekk tiddikjara d-decizjoni appellata bazata fuq il-konfessjoni kapitolata bhala nulla u bla effett. Tiddifferixxi l-kawza ghall-4 ta' Mejju 2005 biex tinstema' skond il-ligi kif jipprovdi l-Att V ta' l-1995. L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------